8 ta' April, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Giuseppe Muscat *versus* Vincenza Muscat pr. et ne.

**Alimenti — Mara — Tfal — Kuratriċi "ad litem" — Separazzjoni Personali — Sekwestru — Mandat Kawtelatorju — Nullità — Patrija Potestà**

*Fil-pendenza ta' kawża ta' separazzjoni personali, il-mara tista' ma tinsistix biex teżiġi l-alimenti provviżorji dekretati favur tagħha, bħal meta ma tkunx trid toqgħod għal xi kondizzjoni mposta lilha fid-digriet billi, per eżempju, ma tkunx trid toqgħod fil-post li jkun għażlilha żewġha; iżda dan ma jippreludijhiex milli titlob il-kawtela tal-alimenti definittivi, jekk ikollha raġuni tajba biex titlob dik il-kawtela; u xejn ma hemm fil-liġi li jimpedixxi l-kawtela tal-alimenti futuri; u l-ġurisprudenza tagħna hija f'dan is-sens. Il-fatt li l-mara għandha ġa digriet ta' alimenti provviżorji favur tagħha ma jipprekludijhiex lanqas milli titlob il-kawtela tal-alimenti futuri fl-isem ta' uliedha minuri, li għalihom japplika wkoll dak id-digriet, avvolja r-raġel ikun qiegħed iħallas dawn l-alimenti provviżorji regolarment.*

*Għaldaqstant, jekk il-mara tottjeni mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra r-raġel biex tikkawtela l-alimenti futuri tagħha u ta' uliedha, dak is-sekwestru mhux null, u r-raġel ma għandux dritt jitlob ir-revoka tiegħu, billi jallega illi l-mara ddekadiet mid-dritt tal-alimenti provviżorji tagħha, u illi l-alimenti provviżorji ta' uliedha jkunu qegħedin jitħallsu regolarment, jekk ikun hemm raġuni tajba biex il-mara titlob dik il-kawtela. Mandat kawtelatorju jiġi ottenut fuq ir-responsabbiltà ta' min jitolbu, u dan għandu josserva l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-liġi għall-ħruġ tal-istess mandat; u hija inattendibbli talba tar-raġel għar-revoka ta' dak il-mandat jekk ikunu ġew osservati dawn il-kondizzjonijiet u l-mara kellha raġuni tajba biex titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat.*

*In kwantu li l-mandat ta' sekwestru jkun ġie ottenut mill-mara anki fl-isem ta' uliedha minuri, ma tiswa xejn l-alleġazzjoni tar-raġel li hu ma ddekadiex mil-patrija potesta' fuq dawk uliedu u li dawn għadhom ma ġewx definittivament affidati lill-martu, jekk hija kienet ġiet nominata kuratriċi "ad litem" ta' uliedha biex tippromwovi l-kawża tal-alimenti kontra missierhom u fl-atti l-oħra kollha sussegwenti u relattivi; għax il-mandat ta' sekwestru minnha ottenut fl-interess ta' uliedha kien intiż biex jikkawtela l-alimenti mitlubin fil-kawża, u kien att relattiv għaliha, li hija setgħet teżegwixxi bis-saħħa tad-digriet li bih ġiet nominata kuratriċi "ad litem" u kif minnu awtorizzata.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-konvenuta. għan-nom tagħha proprju u għan-nom ta' uliedha minorenni Gracie, Paolino, Connie sive Concetta, u Dorothy aħwa Muscat, fit-8 ta' Ġunju 1955 otteniet minn dik il-Qorti l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kontra l-attur in kawtela tad-dritt tagħha u ta' uliedha għall-alimenti (dok. A); billi b'digriet tat-18 ta' Marzu 1955 (dok. B) dik il-Qorti kkundannat lill-attur jissomministra lill-konvenuta martu £3. 10. 0 fil-ġimgħa bħala alimenti provviżorji, kwantu għal £2.2.0 għall-istess konvenuta u kwantu għal 7s. kull wieħed lit-tfal minuri, u dan bil-kondizzjoni, rigward il-pensjoni tal-konvenuta, li din tmur toqgħod fid-dar lilha fissata mill-attur; billi l-konvenuta ma kellha ebda dritt u motiv li tik-

kawtela bil-mod li għamlet l-alimenti tagħha u ta' uliedha, billi, in kwantu għaliha, din ma għandhiex dritt tipperċepixxi l-pensjoni stabbilita mill-Qorti, peress li ma ottemperatx ruħha mal-kondizzjoni mposta fid-digriet (dok. C), u in kwantu għall-pensjoni tal-minuri l-proċedura magħżula millattriċi hija kuntrarja għall-liġi, billi l-attur ħallas regolarment, u l-istess digriet jista' jiġi eżegwit fin-nuqqas ta' pagament tal-alimenti dovuti, b'mod li jirrendi frustraneu u barra minn loku l-mezz ordinarju tal-kawtela; billi għalhekk ilmandat tas-sekwestru fuq riferit ġie nullament ottenut millkonvenuta; talab li jiġi dikjarat null u bla ebda effett ilmandat tas-sekwestru fuq riferit billi, okkorrendo, tiġi revokata l-eżekuzzjoni tiegħu għall-finijiet u effetti kollha talliġi; b'riżerva għad-danni, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Omissis;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-24 ta' Jannar 1957, li biha ġew miċħuda t-talbiet, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jibbaża l-istanza odjerna, u jitlob li l-mandat tas-sekwestru in kwistjoni jiġi dikjarat null u bla effett, għaliex il-konvenuta ma kellha ebda motiv biex tikkawtela l-alimenti tagħha u ta' uliedha; u jsostni illi dina l-kawtela mhix legalment ammissibbli, ladarba kien hemm ġa provvediment dwar l-alimenti provviżorji, li għandu forza eżekuttiva fih innifsu jekk dawk l-alimenti ma jiġux soddisfatti; u fil-każ tal-konvenuta f'isimha proprju, hija ma kienetx intitolata għal dawk l-alimenti, billi ma ottemperatx għall-obligu li tgħix fid-dar lilha destinata fid-digriet; rigward, mbgħad, għat-tfal tal-konvenuta, il-kawtela ma kienetx f'lokha, peress li l-alimenti tħallsu regolarment;

Illi l-konvenuta, minn naħa tagħha, issostni illi s-sekwestru in kwistjoni ġie ottenut biex ikunu kawtelati l-alimenti futuri, indipendentement mid-digriet tal-alimenti provviżorji "pendente lite";

Illi mhux ta' min jinjora li l-mara, fil-pendenza tal-kawża, tista' ma tinsistix biex teżiġi l-alimenti provviżorji minn għand żewġha, bħal meta hija ma tkunx trid toqgħod għal xi kondizzjoni lilha mposta għal dawk l-alimenti, bħal fil-każ in kwistjoni; iżda dana ma jippreklūdijhiex li titlob il-kawtela tal-alimenti definittivi, jekk ikollha xi raġuni tajba biex tottjeniha;

Illi, kwantu għat-tfal tal-konvenuta, għad li huma għandhom digriet alimentari ekwivalenti għal titolu eżekuttiv, dan ma jippreklūdihomx li jikkawtelaw l-alimenti futuri. F'każ analogu, din il-Qorti rriteniet illi "il principio che il diritto ad una prestazione periodica, come qualunque credito a termine, non si può esperire prima della scadenza, è da valere ognorchè si agisca per l'esazione del credito, e non anche quando si tratti di volerlo cautelare" (Kollez. XXIV-II-159);

Illi, anki bħala prinċipju, ma hemm xejn fil-liġi li jimpedixxi l-kawtela tal-alimenti futuri; u l-ġurisprudenza tagħna hija ormaj f'dan is-sens;

Illi, għalhekk, l-unika indaġini li trid issir hija jekk il-konvenuta kienetx ġustifikata tikkawtela kontra żewġha l-alimenti futuri tagħha u ta' uliedha. Fix-xhieda tagħha hija qalet illi pprezentat is-sekwestru in kwistjoni għaliex l-attur kien sejjer ibiegħ dar u jdaħħal il-flus tagħha, u beżgħet li jberbaq il-prezz fil-logħob (fol. 16). Irriżulta, mbagħad, mill-kawża l-oħra fuq riferita (fol. 13 tergo), illi l-attur kien issellef £600, li minnhom £300 issellifhom biex iħallas lil min biegħlu d-dar fejn il-lum toqgħod il-konvenuta, u t-£300 l-oħra huwa ssellifhom għaliex ħass il-bżonn li jkollu xi ħaġa f'idejh. Irriżulta wkoll li l-attur kien jilgħab ir-"rummy" u l-bixkla (fol. 28 kawża l-oħra); u taħt dawn iċ-ċirkustanzi wieħed kien jistenna li l-attur jurī b'mod dettaljat kif nefaq it-£300 li żamm f'idejh; iżda dan mhux biss

ma għamlux, imma baqa' ma għamlux non ostante l-promessa tiegħu u l-assikurazzjoni li kien jista' jagħmlu (fol. 23);

Illi minn dan l-atteġġjament il-Qorti ma tistax targumenta ħlief li l-attur għandu x'jaħbi, u li s-suspetti tal-konvenuta huma ġustifikati, u għalhekk hija kellha raġuni tajba biex tikkawtela l-alimenti futuri tagħha u ta' uliedha;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu respinti l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta proprio et nomine u jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata;

Omissis;

Ikkunsidrat;

Illi b'digriet tat-18 ta' Marzu 1955, fil-kawża l-oħra fl-ismijiet invertiti fuq imsemmija, l-appellant ġie kundannat jissomministra, bħala alimenti provviżorji fil-pendenza ta' dik il-kawża, £3.10.0 fil-ġimgħa, kwantu għal £2.2.0 għall-appellata, martu, u kwantu għal 7s. kull wieħed mit-tfal minuri tal-kontendenti, bil-kondizzjoni, fir-rigward tal-appellata, li tmur toqgħod fid-dar numru 9 Kola Xagħra Street, Rabat, lilha fissata minn żewġha (fol. 6). L-appellata ma ottemperatx għal dik il-kondizzjoni, u għalhekk tilfet l-alimenti provviżorji favur tagħha dekretati. Iżda fit-8 ta' Ġunju 1955 talbet u otteniet l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru "biex tikkawtela d-dritt tagħha u ta' uliedha minorenni għall-alimenti" (fol. 5). Minħabba dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inqalgħet din il-kawża, li biha l-appellant qiegħed jitlob li dak il-mandat jiġi dikjarat null u bla ebda effett, billi nullament ottenut mill-appellata proprio et nomine. Il-kawżali premessi fiċ-ċitazzjoni għal dik it-talba huma li l-appellata ma kellha ebda dritt u motiv li tikkawtela, bil-mod li għamlet, l-alimenti tagħha u ta'

uliedha, billi, inkwantu għaliha, ma għandhiex dritt tipperċepixxi l-pensjoni stabbilita, peress li ma ottemperatx ruħha mal-kondizzjoni mposta fl-imsemmi digriet, u kwantu għall-pensjoni tal-minuri, il-proċedura segwita hija kuntrarja għall-liġi, billi l-appellant ħallas regolarment, u fin-nuqqas ta' pagament dak id-digriet jista' jiġi eżegwit, b'mod li jirrendi barra minn loku l-mezz ordinarju tal-kawtela;

Ikkunsidrat;

Illi s-sekwestru fuq imsemmi, ottenut mill- appellata proprio et nomine, ġie spedit bis-saħħa tad-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 832 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li tagħti d-dritt lil kull persuna, mingħajr in-neċessità ta' preċedenti deċiżjoni, li tqiegħed fiż-żgur id-drittijiet tagħha b'wieħed mill-attijiet kawtelatorji ndikati fl-artikolu ta' wara (833), fosthom dak tal-mandat ta' sekwestru. Dak il-mandat kawtelatorju jiġi spedit fuq ir-responsabbiltà ta' min jitolbu, u dan għandu josserva l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-liġi għall-ħruġ tal-istess mandat;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant mhux qiegħed jallega li l-appellata proprio et nomine, biex otteniet l-ispedizzjoni tal-imsemmi mandat, ma ottemperatx għall-kondizzjonijiet imposti mill-liġi. Il-pretensjoni tiegħu hija li l-appellata f'isimha proprju ma setgħetx tirrikorri għal dak ir-rimedju, billi ma tistax tipperċepixxi alimenti minħabba li naqset li tottempera għall-kondizzjoni mposta fl-imsemmi digriet tat-18 ta' Marzu 1955 (fol. 6), mentri fl-interess ta' uliedha minuri, fil-każ li l-pensjoni alimentarja favur tagħhom stabbilita ma tiġix imħallsa, hija setgħet teżegwixxi dak id-digriet. Iżda dik il-pretensjoni tal-appellant mhix attendibbli; għaliex is-sekwestru in kwistjoni ma għandu x'jaqsam xejn mal-alimenti provviżorji "pendente lite" kif fuq dekretati, imma ġie ottenut in kawtela tal-alimenti futuri u definittivi, mitlubin bl-imsemmija kawża fl-ismijiet invertiti (1023/1954), li għadha pendenti quddiem l-Ewwel Qorti. Kif sewwa qalet

l-Ewwel Qorti, ma hemm xejn fil-liġi li jimpedixxi l-kawtela tal-alimenti futuri; u l-ġurisprudenza tagħna hija f'dan issens. Jingħad ukoll li mill-kumpless taċ-ċirkustanzi, kompriżi dawk riżultati mix-xhieda tal-appellant f'din l-istanza, u mid-diportament tiegħu fl-aħħar xhieda li ta quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 23), hemm biżżejjed biex jiġi ritenut li l-appellata proprio et nomine kienet ġustifikata tieħu l-passi, bħal ma għamlet, biex tikkawtela kontra żewġha l-alimenti futuri tagħha u ta' uliedha;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-aħħar sottomissjoni tal-appellant, fissens li huwa ma ddekadiex mil-patrija potesta' fuq uliedu u dawn għadhom ma ġewx difinittivament affidati lill-appellata, u għalhekk hija inutili l-proċedura adottata mill-appellata, għandu jiġi rilevat li b'digriet tal-11 ta' Diċembru 1954, mogħti fil-kawża l-oħra (fol. 4 ta' dik il-kawża), l-appellata ġiet nominata kuratriċi "ad litem" ta' uliedha minuri biex tippromwovi għan-nom tagħhom il-kawża tal-alimenti kontra missierhom, u fl-attijiet l-oħra kollha relattivi u sussegwenti. Il-mandat ta' sekwestru minnha ottenut anki fl-interess ta' dawk uliedha kien intiż biex jikkawtela l-alimenti mitlubin b'dik il-kawża, u kien għalhekk att relattiv għaliha, li l-appellata setgħet teżegwixxi bis-saħħa talimsemmi digriet tal-11 ta' Diċembru 1954, u kif minnu awtorizzata;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.

---